IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussell 14.11.2008
KUMM(2008) 786 finali
(adottat bħala SEG(2008) 2604)

2008/0224(CNS)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

li jemenda r-regoli applikabbli għal ħaddiema oħra tal-Komunitajiet Ewropej

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. IL-KUNTEST TAL-PROPOSTA

- Raġunijiet u għanijiet tal-proposta

L-għan ta' din il-proposta huwa li fil-Kondizzjonijiet ta' Impjieg ta' Uffiċċjali Oħra jiġu introdotti dispożizzjonijiet li joħolqu kategorija ġdida ta' impjegati li hija speċifika għall-Parlament Ewropew. Il-proposta tkopri l-assistenti tal-Membri tal-Parlament Ewropew, ibbażati f'wieħed mill-postijiet tax-xogħol tal-Parlament Ewropew (Brussell, Strażburgu, Lussemburgu), bl-eċċezzjoni ta' dawk l-assistenti li jaħdmu fl-uffiċċji tal-Membri tal-PE fil-pajjiż fejn ikunu eletti, pereżempju fl-uffiċċji tal-kostitwenza, u għandha l-għan li tiċċara u ttejjeb is-sitwazzjoni attwali tagħhom filwaqt li tiġi rrispettata bis-sħiħ il-partikularità tax-xogħol tagħhom fil-Parlament.

- Kuntest ġenerali

Is-sistema attwali biex jiġu impjegati l-assistenti mal-Membri tal-PE, li hija bbażata għalkollox fuq arranġamenti kuntrattwali taħt il-liġi privata, tidher li ma għadhiex kumpatibbli mad-daqs u l-kumplessità ta' Parlament magħmul minn 27 Stat Membru. Is-sistema toħloq piż amministrattiv tqil ħafna kemm fuq l-amministrazzjoni tal-Parlament kif ukoll fuq il-Membri individwali tal-Parlament Ewropew. Apparti dan il-piż amministrattiv, l-applikazzjoni ta' 27 sistema tat-taxxa u tas-sigurtà soċjali għal persuni li jaħdmu bejn Brussell, Strażburgu, il-Lussemburgu u partijiet oħra fl-Ewropa tirriżulta f'ħafna restrizzjonijiet fir-rigward tal-pożizzjoni tal-assistenti tal-Membri tal-Parlament Ewropew.

Fl-2000, fil-kuntest tal-proposta tal-Kummissjoni tad-19 ta' Mejju 1998, il-Kunsill iddikjara li kien kompletament konxju mill-bżonn li jiġu rregolati l-kondizzjonijiet tal-impjieg tal-assistenti tal-Membri tal-Parlament Ewropew u li tittejjeb is-sitwazzjoni attwali tagħhom. Għal dan il-għan, il-Kunsill indika li fis-26 ta' April 1999, meta kien qed jeżamina l-abbozz tal-Istatut għall-Membri tal-Parlament Ewropew, adotta prinċipji li jikkunsidrahom bħala essenzjali f'dan ir-rigward:

– il-ħlas dirett tal-assistenti mill-Parlament, taħt ir-responsabilità u skont l-istruzzjonijiet personali tal-Membri tal-Parlament Ewropew ikkonċernati;

– l-eżistenza ta' kuntratt bil-miktub irreġistrat mal-Parlament Ewropew;

– il-konformità mad-dispożizzjonijiet applikabbli fir-rigward tat-tassazzjoni u tas-sigurtà soċjali.

Dawn il-prinċipji huma rrispettati mill-proposta attwali, li tinkludi l-kategorija l-ġdida tal-Assistenti tal-Membri tal-Parlament Ewropew fil-Kondizzjonijiet ta' Impjieg ta' Uffiċjali Oħra. Il-persuni li jaqgħu f'din il-kategorija l-ġdida se jiġu impjegati mill-Parlament Ewropew biex iwettqu xogħol fis-servizz ta' Membru tal-Parlament Ewropew, wara li jkunu ntgħażlu mill-Membru nnifsu.

Qed jiġu introdotti regoli speċifiċi biex tiġi rregolata din il-kategorija ġdida ta' impjegati, wara li tqiesu l-karatteristiċi speċifiċi tax-xogħol tal-Assistenti Parlamentari u r-relazzjonijiet tagħhom mal-Parlament Ewropew u l-Membri tal-Parlament Ewropew.

L-introduzzjoni ta' din il-kategorija l-ġdida fil-Kondizzjonijiet ta' Impjieg ta' Uffiċjali oħra twassal ukoll għas-sostituzzjoni ta' 27 skema fl-oqsma ta' relazzjonijiet kuntrattwali, tassazzjoni u sigurtà soċjali bi skema waħda.

- Id-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam tal-proposta

Ir-Regolament (KE, Euratom) Nru 259/68 li jistabbilixxi r-Regolamenti tal-Persunal tal-uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej u l-Kondizzjonijiet ta' Impjieg ta' Uffiċjali Oħra tal-Komunitajiet Ewropej

Id-Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tat-28 ta' Settembru 2005 li tadotta l-Istatut għall-Membri tal-Parlament Ewropew (2005/684/KE, Euratom)

- Konsistenza mal-politiki u l-għanijiet l-oħra tal-Unjoni

Mhux applikabbli.

2. IL-KONSULTAZZJONI MAL-PARTIJIET INTERESSATI U L-EVALWAZZJONI TAL-IMPATT

- Il-konsultazzjoni mal-partijiet interessati

Mhux rilevanti.

- Il-ġbir u l-użu ta' għarfien espert

Ma kien hemm ebda ħtieġa għal għarfien espert estern.

- Evalwazzjoni tal-impatt

L-abbozz ta' proposta huwa limitat għall-introduzzjoni ta' kategorija ġdida ta' impjegati fil-Kondizzjonijiet ta' Impjieg ta' Uffiċjali Oħra, jiġifieri mhux mistenni ebda impatt estern. Għal din ir-raġuni, ma kienx hemm bżonn ta' evalwazzjoni tal-impatt.

3. L-ELEMENTI LEGALI TAL-PROPOSTA

- Sommarju tal-azzjoni proposta

Il-proposta tistabbilixxi regoli li jintroduċu kategorija ġdida ta' assistenti tal-Membri tal-PE fil-Kondizzjonijiet ta' Impjieg ta' Uffiċjali Oħra.

- Il-bażi legali

L-Artikolu 283 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea

- Il-prinċipju tas-sussidjarjetà

Il-proposta taqa' taħt il-kompetenza esklużiva tal-Komunità. Għalhekk il-prinċipju tas-sussidjarjetà ma japplikax.

- Il-prinċipju tal-proporzjonalità

Il-proposta hi konformi mal-prinċipju tal-proporzjonalità għar-raġunijiet li ġejjin:

Skont il-prinċipju tal-proporzjonalità, biex jinkiseb l-għan bażiku li l-assistenti tal-Membri tal-PE bbażati f'wieħed mill-postijiet tax-xogħol tal-Parlament Ewropew (Brussell, Strażburgu, il-Lussemburgu) jiġu koperti mill-Kondizzjonijiet ta' Uffiċjali oħra huwa neċessarju u xieraq li jiġu stabbiliti regoli dwar din il-kategorija ġdida li jirrispettaw l-aspetti partikulari tagħha. Din il-proposta ma tmurx lilhinn minn dak li hemm bżonn sabiex jintlaħaq dan il-għan.

- L-għażla tal-istrumenti

L-istrument propost: regolament.

Mezzi oħra ma jkunux adegwati għar-raġunijiet li ġejjin:

Il-proposta tirrigwarda l-emenda ta' strument eżistenti.

4. L-IMPLIKAZZJONIJIET GĦALL-BAĠIT

Il-proposta m'għandha ebda implikazzjoni fuq il-baġit Komunitarju.

2008/0224(CNS)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

li jemenda r-regoli applikabbli għal ħaddiema oħra tal-Komunitajiet Ewropej

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, b'mod partikulari l-Artikolu 283 tiegħu,

wara li kkunsidra l-Protokoll dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Komunitajiet Ewropej, u b'mod partikulari l-Artikolu 13 tiegħu,

wara li kkunsidra l-proposta mressqa mill-Kummissjoni wara konsultazzjoni mal-Kumitat tar-Regolamenti tal-Persunal[1],

wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew[2],

wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja[3],

wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Qorti tal-Awdituri[4],

Billi:

(1) B'konformità mal-Artikolu 21 tal-Istatut tal-Membri tal-Parlament Ewropew[5], il-Membri għandhom id-dritt għall-għajnuna mill-istaff persunali li huma jistgħu jagħżlu b'mod ħieles. Bħalissa, il-Membri jimpjegaw il-persunal kollu tagħhom direttament taħt kuntratti li huma soġġetti għal-liġi nazzjonali, filwaqt li l-Parlament Ewropew jirrifondi l-ispejjeż, sa ammont massimu fiss.

(2) Għadd limitat ta' dan il-persunal (minn hawn 'il quddiem imsejħa "assistenti parlamentari") jassistu Membru wieħed jew aktar fil-lokalitajiet tal-Parlament Ewropew fi Strażburgu, Brussell u fil-Lussemburgu. L-oħrajn huma impjegati mal-Membri fil-pajjiż fejn dawn ġew eletti.

(3) B'kuntrast ma' dawn tal-aħħar, l-assistenti parlamentari huma, bħala regola ġenerali, soġġetti għal espatrijazzjoni. Huma jaħdmu fil-postijiet tax-xogħol tal-Parlament Ewropew f'ambjent Ewropew, multilingwu u multikulturali u jwettqu kompiti li huma marbuta b'mod dirett max-xogħol tal-Parlament Ewropew.

---

1 ĠU C , , p. .
2 ĠU C , , p. .
3 ĠU C , , p. .
4 ĠU C , , p. .
5 ĠU L 262, 7.10.2005, p.1.

(4) Barra minn hekk dan ġie kkonfermat mill-Qorti tal-Prim'Istanza tal-Komunitajiet Ewropej li rrikonoxxiet li l-assistenti parlamentari f'ċerti aspetti jistgħu jitqiesu għall-finijiet tal-applikazzjoni tar-Regolamenti tal-Persunal tal-Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej u l-Kondizzjonijiet tal-Impjieg ta' ħaddiema oħra[6] li qed iwettqu xogħol għall-Parlament[7].

(5) Għal dawn ir-raġunijiet, u sabiex jiġu żgurati t-trasparenza, in-nuqqas ta' diskriminazzjoni u ċ-ċertezza legali permezz ta' regoli komuni, huwa xieraq li dawn l-assistenti, bl-eċċezzjoni tal-persuni li jaħdmu għall-Membri fl-Istat Membru fejn dawn ġew eletti, inklużi persuni li jaħdmu lokalment għal Membri eletti f'wieħed mill-Istati Membri fejn jinsabu t-tliet postijiet tax-xogħol, jiġu impjegati permezz ta' kuntratti diretti mal-Parlament Ewropew.

(6) Jaqbel, għalhekk, li dawn l-assistenti jkunu suġġetti għall-Kondizzjonijiet tal-Impjieg ta' ħaddiema oħra, b'mod li ċ-ċirkustanzi partikulari tagħhom jitqiesu kif xieraq.

(7) L-introduzzjoni ta' din il-kategorija speċifika ta' uffiċjali ma taffettwax l-Artikolu 29 tar-Regolamenti tal-Persunal li jipprovdi li kompetizzjonijiet interni huma miftuħa biss għal uffiċjali u persunal temporanju.

(8) L-assistenti parlamentari jikkostitwixxu, għalhekk, kategorija ta' persunal speċifika għall-Parlament Ewropew, b'mod partikolari fir-rigward tal-fatt li jappoġġaw lill-Membri tal-Parlament fil-kapaċita' tagħhom ta' rappreżentanti eletti demokratikament fdati b'mandat, fit-twettiq tal-kompiti tagħhom.

(9) Għalhekk, jeħtieġ li jiġu emendati, b'mod limitat, il-Kondizzjonijiet tal-Impjieg ta' ħaddiema oħra sabiex tiġi inkluża din il-kategorija ġdida tal-persunal.

(10) Fid-dawl tan-natura tax-xogħol tal-assistenti, jaqbel li jkun hemm kategorija waħda biss ta' assistenti, iżda li tkun imqassma fi gradi, fejn l-assistenti jitqassmu skont il-kriterji li għandhom jiġu ddeterminati permezz ta' deċiżjoni interna tal-Parlament Ewropew.

(11) Il-kuntratti tal-assistenti parlamentari ffirmati bejnhom u l-Parlament Ewropew għandhom jiġu bbażati fuq fiduċja reċiproka bejn l-assistent parlamentari u l-Membru/i tal-Parlament Ewropew li qed jassisti.

(12) Il-prinċipju tan-newtralità baġitarja għandu jiġi osservat fir-rigward tal-introduzzjoni ta' din il-kategorija ġdida ta' persunal. F'dan ir-rigward, il-Parlament Ewropew għandu jħallas fil-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea l-ammont sħiħ tal-kontributi meħtieġa għall-iffinanzjar tal-iskema tal-pensjoni bl-eċċezzjoni tal-kontribut taħt l-Artikolu 83(2) tar-Regolamenti tal-Persunal li jiġi mnaqqas kull xahar mis-salarju tal-persuna kkonċernata.

(13) Id-dħul fis-seħħ ta' dawn id-dispożizzjonijiet ġodda għandu jikkoinċidi mad-dħul fis-seħħ tal-Istatut tal-Membri tal-Parlament Ewropew,

---

6 Ir-Regolament (KEE, Euratom, KEFA) Nru 259/68 tal-Kunsill tad-19 ta' Frar 1968 li jistabbilixxi r-Regolamenti tal-Persunal tal-uffiċjali u l-kondizzjonijiet ta' impjieg ta' ħaddiema oħra tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 56, 4.3.1968, p. 1).

7 Is-Sentenza tad-19 ta' Ġunju 2007, fil-każ T-473/04 Asturias Cuerno/Kummissjoni, għadha mhix ippubblikata.

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-Kondizzjonijiet tal-Impjieg ta' ħaddiema oħra tal-Komunitajiet Ewropej huma emendati kif stipulat fl-Anness.

Artikolu 2

Fi żmien tliet snin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, il-Parlament Ewropew għandu jissottometti rapport dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament sabiex tiġi eżaminata l-ħtieġa possibbli li jiġu adattati r-regoli li japplikaw għall-assistenti parlamentari.

Artikolu 3

Dan ir-regolament jidħol fis-seħħ fl-ewwel jum tal-leġiżlatura tal-Parlament Ewropew li tibda fl-2009.

Dan ir-regolament se jkun jorbot kollu kemm hu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel,

Għall-Kunsill
Il-President

ANNESS

Il-Kondizzjonijiet tal-Impjieg ta' ħaddiema oħra tal-Komunitajiet Ewropej huma emendati kif ġej:

1) fl-Artikolu 1, l -inċiż li ġej għandu jiddaħħal wara "konsulenti speċjali":

"assistenti parlamentari,".

2) l-Artikolu li ġej għandu jiddaħħal:

"Artikolu 5a

Għall-finijiet ta' dawn il-Kondizzjonijiet tal-Impjieg ta' ħaddiema oħra tal-Komunitajiet Ewropej, it-terminu "assistenti parlamentari" jfisser membri tal-persunal magħżula minn Membru wieħed jew aktar u impjegati permezz ta' kuntratti diretti mal-Parlament Ewropew biex jassistu Membru wieħed jew aktar tal-Parlament Ewropew, kif stipulat fl-Artikolu 125(1).";

3) it-Titoli VII u VIII bl-Artikoli 125 sa 127 jsiru Titoli VIII u IX bl-Artikoli 141 sa 143. Għandu jiddaħħal Titolu VII ġdid:

"Titolu *VII*

Assistenti parlamentari

Kapitolu 1

Dispożizzjonijiet ġenerali

Artikolu 125

1. "Assistent parlamentari" tfisser membru tal-persunal impjegat mill-Parlament Ewropew, f'wieħed mit-tliet postijiet ta' xogħol tal-Parlament Ewropew, biex jassisti Membru wieħed jew aktar tal-Parlament fit-twettiq tal-mandat parlamentari tagħhom. Għandu jwettaq kompiti li huma marbuta direttament max-xogħol tal-Parlament Ewropew.

L-assistenti parlamentari għandhom jiġu impjegati biex iwettqu xogħol part-time jew full-time, bla ma jiġu assenjati għal kariga inkluża fil-lista ta' karigi mehmuża mat-taqsima tal-baġit relatata mal-Parlament Ewropew.

2. Il-Parlament Ewropew, permezz ta' deċiżjoni interna, għandu jadotta dispożizzjonijiet rigward l-impjieg ta' assistenti parlamentari.

3 L-assistenti parlamentari għandhom jitħallsu mill-approprjazzjonijiet globali allokati għat-taqsima tal-baġit marbuta mal-Parlament Ewropew.

Artikolu 126

1. L-assistenti parlamentari huma kklassifikati skont il-grad.

2. L-Artikolu 1e tar-Regolamenti tal-Persunal, rigward il-miżuri ta' natura soċjali u l-kundizzjonijiet tax-xogħol, għandu japplika b'analoġija.

Kapitolu 2

Drittjiet u obbligi

Artikolu 127

L-Artikoli 11 sa 26a tar-Regolamenti tal-Persunal għandhom japplikaw b'analoġija. Il-Parlament Ewropew għandu jiddetermina, permezz ta' deċiżjoni interna, miżuri prattiċi ta' implimentazzjoni li jqisu n-natura speċifika tar-relazzjoni bejn il-Membri u l-assistenti tagħhom.

Kapitolu 3

Kundizzjonijiet tal-impjieg

Artikolu 128

1. L-Artikolu 1d tar-Regolamenti tal-Persunal għandu japplika b'analoġija.

2. L-assistent parlamentari jintgħażel mill-Membru/i tal-Parlament Ewropew li huwa se jkun inkarigat li jassisti. Bla ħsara għall-kriterji supplementarji li jistgħu jiġu stipulati fid-dispożizzjoniiet imsemmija fl-Artikolu 125(2), l-assistent jista' jiġi impjegat biss bil-kundizzjoni li:

a) huwa ċittadin ta' wieħed mill-Istati Membri tal-Komunitajiet, ħlief jekk tiġi awtorizzata eċċezzjoni mill-awtorità msemmija fl-ewwel paragrafu tal-Artikolu 6(1), u jgawdi d-drittijiet kollha tiegħu bħala ċittadin;

b) wettaq kwalunkwe obbligi imposti fuqu mil-liġijiet rigward is-servizz militari;

c) jipproduċi referenzi xierqa dwar il-persuna tiegħu, li juru li huwa adattat biex iwettaq id-dmirijiet tiegħu;

d) għandu l-ħiliet fiżiċi meħtieġa biex iwettaq id-dmirijiet tiegħu;

e) jipproduċi provi ta' għarfien profond ta' waħda mil-lingwi tal-Komunità u għarfien xieraq ta' lingwa oħra tal-Komunità li jkun biżżejjed biex iwettaq il-ħidmiet mitluba minnu u;

f) jekk għandu :

i) livell ta' edukazzjoni superjuri ċċertifikat b'diploma, jew

ii) livell ta' edukazzjoni sekondarja ċċertifikat b'diploma li tagħti aċċess għall-edukazzjoni superjuri u esperjenza professjonali xierqa ta' mill-inqas tliet snin, jew

iii) taħriġ professjonali jew esperjenza professjonali ta' livell ekwivalenti, fejn dan ikun meqjus fl-interess tas-servizz.

Artikolu 129

1. L-assistent parlamentari għandu jagħmel perjodu ta' prova ta' tliet xhur.

2. F'każ ta' mard jew inċident li jżomm lill-assistent parlamenti milli jaqdi d-dmiritijiet tiegħu għal xahar jew aktar matul il-perjodu ta' prova, l-awtorità msemmija fl-Artikolu 6(1) tista', fuq talba tal-Membru, testendi l-perjodu ta' prova bit-tul ta' żmien li jikkorispondi.

3. Jekk ix-xogħol tal-assistent parlamentari ma jkunx adegwat biex jiġġustifika li dan iżomm il-funzjoni tiegħu, il-Membru tal-Parlament Ewropew għandu, mhux aktar tard minn xahar qabel ma jispiċċa l-perjodu ta' prova, jagħmel rapport dwar il-ħila tal-assistent li jaqdi d-dmirijiet tiegħu, kif ukoll dwar l-imġiba u l-effiċjenza tiegħu. Dan ir-rapport għandu jiġi komunikat lill-persuna kkonċernata, li jkollha dritt tagħmel il-kummenti tagħha bil-miktub f'perijodu ta' tmint ijiem, mill-awtorita' msemmija fl-Artikolu 6(1). Jekk ikun meħtieġ, l-assistant parlamentari msemmi hawn fuq għandu jitkeċċa mill-awtorità msemmija fl-Artikolu 6(1), sakemm ir-rapport ikun ġie komunikat lilu qabel it-tmiem tal-perjodu ta' prova.

4. L-assistent parlamentari mkeċċi tul il-perjodu ta' prova għandu jkun intitolot għal kumpens ta' terz tas-salarju bażiku tiegħu għal kull xahar tal-perjodu tal-prova li jkun ħadem.

Artikolu 130

1. Qabel ma jingħata l-impjieg, l-assistent parlamentari għandu jipprovdi evidenza lis-servizz mediku tal-Parlament Ewropew li jinsab f'qagħda fiżika tajba biex il-Parlament Ewropew ikun jista' jkun sodisfatt li hu jissodisfa r-rekwiżiti tal-Artikolu 128 (2)(d).

2. F'każ li tingħata opinjoni medika negattiva bħala riżultat tal-eżami mediku msemmi fl-ewwel paragrafu, il-kandidat jista', fi żmien 20 ġurnata minn meta jkun ġie notifikat mill-istituzzjoni dwar din l-opinjoni, jitlob li l-każ tiegħu jiġi sottomess għall-opinjoni tal-kumitat mediku kompost minn tliet tobba magħżula mill-awtorità msemmija fl-Artikolu 6(1) minn fost l-uffiċjali mediċi tal-istituzzjonijiet. Il-kumitat mediku għandu jisma' lill-uffiċjal mediku responsabbli mill-opinjoni negattiva inizjali. Il-kandidat jista' jirreferi l-opinjoni ta' tabib li jagħżel hu lill-kumitat mediku. Fejn l-opinjoni tal-kumitat mediku tikkonferma l-konklużjonijiet tal-eżami mediku msemmi fl-ewwel paragrafu, il-kandidat għandu jħallas 50% tal-kontijiet u tal-ispejjeż magħmula.

Artikolu 131

1. Il-kuntratt tal-assistenti parlamentari għandu jkollu perjodu determinat. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 140, il-kuntratti għandhom jiskadu mhux aktar tard mit-tmiem tal-leġiżlatura li fiha jkunu saru l-istess kuntratti.

2. Il-Parlament Ewropew għandu jadotta deċiżjoni interna li fiha jiddefinixxi l-kriterji applikabbli għall-klassifikazzjoni meta l-persuna tiġi impjegata.

3. Fil-każ li assistent parlament jiffirma kuntratt ġdid, għandha tittieħed deċiżjoni ġdida dwar il-klassifikazzjoni tal-grad tiegħu.

Kapitolu 4

Kundizzjonijiet tax-xogħol

Artikolu 132

1. Is-sigħat tax-xogħol fil-ġimgħa tal-assistent jistgħu jiġu stipulati mill-Membru, iżda f'ċirkostanzi normali dawn m'għandhomx ikunu ta' aktar minn 42 siegħa fil-ġimgħa.

2. L-assistent m'għandux jintalab jaħdem sigħat żejda ħlief f'każ ta' emerġenza jew ta' ammont ta' xogħol eċċezzjonali.

3. Madankollu, is-sigħat żejda li jaħdmu l-assistenti parlamentari ma jinkludux id-dritt ta' kumpens jew rimunerazzjoni.

4. L-Artikoli 42a, 42b, 55a, u 57 sa 61 tar-Regolamenti tal-Persunal (leave, ħinijiet tax-xogħol u festi pubbliċi) kif ukoll l-Artikoli 16(2) sa (4) u 18 tal-Kondizzjonijiet ta' Impjieg preżenti għandhom japplikaw b'analoġija. Leave speċjali, leave parentali u leave tal-familja m'għandux jestendi lil hinn mit-terminu tal-kuntratt.

Kapitolu 5

Rimunerazzjoni u rimbors tal-ispejjeż

Artikolu 133

Ħlief għal dispożizzjonijiet kuntrarji fl-Artikoli 134 u 135, l-Artikoli 19, l-Artikolu 20(1) sa (3) u l-Artikolu 21 tas-CEOS kif ukoll l-Artikolu 16 tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal, rigward ir-rimunerazzjoni u l-ispejjeż, għandhom japplikaw b'analoġija. L-arranġamenti għar-rimbors tal-ispejjeż tal-missjonijiet għandhom ikunu stipulati fid-dispożizzjonijiet msemmija fl-artikolu 125(2).

Artikolu 134

L-iskala tas-salarji bażiċi hi stabbilita skont it-tabella li ġejja:

Grad	**1**	**2**	**3**	**4**	**5**	**6**	**7**
Salarju bażiku 'fulltime'	1 193,00	1 389,85	1 619,17	1 886,33	2 197,58	2 560,18	2 982,61

Grad	**8**	**9**	**10**	**11**	**12**	**13**	**14**
Salarju bażiku 'fulltime'	3 474,74	4 048,07	4 716,00	5 494,14	6 400,67	7 456,78	8 687,15

Artikolu 135

B'deroga mill-aħħar subparagrafu tal-Artikolu 4(1) tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal, il-benefiċċju għall-espatrijazzjoni m'għandux ikun ta' inqas minn EUR 250.

Kapitolu 6

Sigurtà Soċjali

Artikolu 136

Ħlief għal dispożizzjonijiet kuntrarji tal-Artikolu 137, l-Artikoli 95 sa 115 (sigurtà soċjali) għandhom japplikaw b'analoġija.

Artikolu 137

1. B'deroga mit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 96(3), u bla ħsara għad-dispożizzjonijiet l-oħra tal-Artikolu msemmi, l-ammonti kkalkulati skont din id-dispożizzjoni m'għandhomx ikunu ta' inqas minn EUR 700 jew ta' aktar minn EUR 2000.

2, Bħala deroga mill-Artikoli 77 u 80 tar-Regolamenti tal-Persunal u l-Artikoli 101 u 105 tal-Kondizzjonijiet ta' Impjieg preżenti, l-ammonti minimi użati għall-kalkolu tal-pensjonijiet u l-benefiċċju ta' invalidità għandhom jikkorrispondu mas-salarju bażiku ta' assistent parlamentari kklassifikat fil-grad 1.

3. Il-Parlament Ewropew għandu jħallas fil-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea l-ammont sħiħ tal-kontributi meħtieġa biex jiffinanzjaw l-iskema tal-pensjoni bl-eċċezzjoni tal-kontribut taħt l-Artikolu 83(2) tar-Regolamenti tal-Persunal li jiġi mnaqqas kull xahar mis-salarju tal-persuna kkonċernata.

4. L-Artikolu 122 ma japplikax ħlief għal kuntratti magħmula għal perjodi ta' mhux aktar minn sena.

Kapitolu 7

Irkuprar ta' pagamenti mhux dovuti

Artikolu 138

Għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 85 tar-Regolamenti tal-Persunal dwar l-irkupru ta' pagamenti mhux dovuti.

Kapitolu 8

Appelli

Artikolu 139

Id-dispożizzjonijiet tat-Titolu VII tar-Regolamenti tal-Persunal dwar l-appelli għandom japplikaw b'analoġija.

Kapitolu 9

Tmiem tal-impjieg

Artikolu 140

1. Minbarra tmiem tal-impjieg minħabba l-mewt, l-impjieg ta' assistent parlamentari jintemm:

a) fid-data indikata fil-kuntratt, kif stipulat fl-Artikolu 131(1);

b) fl-aħħar tax-xahar li fih l-assistent parlamentari jilħaq l-età ta' 65 sena;

c) f'każ ta' assistent impjegat biex jassisti Membru wieħed biss tal-Parlament Ewropew, b'konformità mal-Artikolu 128(2), fl-aħħar tax-xahar li fih jispiċċa l-mandat ta' dak il-Membru, kemm jekk minħabba mewt, jew għax jirriżenja jew għal kwalunkwe raġuni oħra;

d) fl-aħħar tal-perjodu ta' notifika stabbilit fil-kuntratt, li għandu jagħti lill-assistent parlamentari jew lill-Parlament Ewropew l-għażla li l-impjieg jintemm aktar kmieni. Il-perjodu ta' notifika ma jistax ikun ta' inqas minn xahar għal kull sena ta' servizz, b'minimu ta' xahar u b'massimu ta' tliet xhur. Madankollu, il-perjodu ta' notifika m'għandux jibda jgħodd waqt il-leave tal-maternità jew il-leave minħabba l-mard, sakemm il-leave minħabba l-mard ma jaqbiżx it-tliet xhur. Barra minn hekk, dan għandu jiġi sospiż waqt il-leave tal-maternità jew il-leave minħabba l-mard, kif stipulat fil-limiti msemmija hawn fuq.

e) f'każ li assistent parlamentari m'għadux jissodisfa l-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 128(2), punt (a), u dan għandu jkun suġġett għall-applikazzjoni tad-deroga stipulata fl-Artikolu msemmi. Jekk din id-deroga ma tiġix awtorizzata, għandha tapplika n-notifika stipulata fil-punt d).

(2) Meta l-kuntratt jintemm skont il-paragrafu 1(c) jew il-Parlament Ewropew iwaqqaf il-kuntratt skont il-paragrafu 1(d), l-assistent parlamentari għandu jkun intitolat għal kumpens ekwivalenti għal terz tas-salarju bażiku tiegħu għall-perjodu bejn id-data meta jispiċċaw id-dmirijiet tiegħu u d-data meta jiskadi l-kuntratt, suġġett madankollu għal massimu ta' tliet xhur ta' salarju bażiku.

(3) Bla ħsara għall-Artikoli 48 u 50 li huma applikabbli b'analoġija, l-impjieg ta' assistent parlamentari jista' jintemm mingħajr avviż minn qabel f'każ ta' nuqqas serju fit-twettiq tal-

obbligi tiegħu, kemm jekk b'mod intenzjonat jew jekk b'negliġenza min-naħa tiegħu. Għandha tittieħed deċiżjoni raġunata mill-awtorità msemmija fl-Artikolu 6(1), wara li l-persuna konċernata tkun ingħatat l-opportunità li tiddefendi lilha nnifisha.

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

1. L-ISEM TAL-PROPOSTA

Regolament tal-Kunsill li jemenda l-Kundizzjonijiet ta' impjieg ta' ħaddiema oħra tal-Komunitajiet Ewropej (ħolqien ta' statut għall-assistenti parlamentari akkreditati għal wieħed mit-tliet postijiet ta' ħidma uffiċjali tal-Parlament Ewropew)

2. IL-LINJI BAĠITARJI

2.1. Il-linji baġitarji inklużi t-titoli tagħhom:

Kapitolu 12 - Uffiċjali u aġenti temporanji

Kapitolu 16 - Infiq ieħor relatat mal-persuni li jaħdmu fl-istituzzjoni

Kapitolu 20 - Bini u nefqiet relatati

Kapitolu 21 - Proċessar ta' dejta, tagħmir u għamara: xiri, kiri u manutenzjoni

Kapitolu 23 - In-nefqa amministrattiva kurrenti

Punt 3220 - Nefqa għad-dokumentazzjoni u għal-librerija

Punt 4200 - L-assistenza parlamentari

Punt 4220 - Assistenza Parlamentari

2.2. Tul ta' żmien tal-azzjoni u l-impatt finanzjarju:

L-azzjoni m'għandhiex tul ta' żmien determinat. Hija għandha tkun effettiva mill-bidu tal-mandat li jmiss tal-Parlament Ewropew li jibda fl-Lulju 2009.

L-impatt finanzjarju tal-proċedura jinkludi żewġ taqsimiet: min-naħa l-waħda, l-ispejjeż marbuta direttament mal-assistenti parlamentari akkreditati għal wieħed mit-tliet postijiet ta' ħidma uffiċjali tal-Parlament Ewropew, u min-naħa l-oħra l-ispejjeż amministrattivi ġġenerati mill-ġestjoni tal-assistenti parlamentari li jaqgħu taħt Kundizzjonijiet ta' impjieg ta' ħaddiema oħra tal-Komunitajiet Ewropej.

1) In-nefqa

a) Nefqa marbuta direttament mal-assistenti parlamentari:

F'dan ir-rigward, il-proposta hija newtrali fuq il-livell baġitarju.

In-nefqa għas-salarji kif ukoll l-ispejjeż għall-missjonijiet se jkunu koperti kollha kemm huma b'fondi li jittieħdu mill-baġit individwali ta' kull membru. Fl-2009, il-linja 4200 b'hekk se tiġi ffinanzjata permezz ta' tnaqqis tal-ammonti meħtieġa mil-linja 4220.

L-ammont tan-nefqa mhux għas-salarji mhux se jinbidel meta mqabbel man-nefqa li bħalissa diġà hija koperta minn linji differenti tal-baġit tal-Parlament Ewropew.

b) Nefqa marbuta mal-istaff tal-ġestjoni amministrattiva (15-il punt supplimentari):

Il-ġestjoni tal-assistenti parlamentari għalhekk se jkollha bżonn miżjud ta' riżorsi umani li jaqbel li jiġu integrati fil-proċedura baġitarja.

2) Dħul

Il-ħlas skont ir-Regolamenti tal-Persunal dwar is-salarji u l-konċessjonijiet kemm lill-assistenti parlamentari kif ukoll lill-ħaddiema supplimentari meħtieġa biex jimmaniġġjaw l-azzjoni joħloq dħul għall-baġit Komunitarju permezz tat-taxxa Komunitarja, l-imposta speċjali u l-kontribuzzjonijiet għas-sistema tal-pensjoni li jitħallsu mis-salarji u mill-konċessjonijiet.

2.3. Il-karatteristiċi baġitarji:

Linja tal-baġit	Tip ta' nfiq		Ġodda	Kontribut mill-EFTA	Kontributi mill-pajjiżi applikanti	Intestatura fil-prospettiva finanzjarja
Ara l-punt 2.1.	NCE	NDA	LE	LE	LE	**5**

3. SOMMARJU TAR-RIŻORSI

3.1. Riżorsi finanzjarji

3.1.1. Infiq operattiv

Din il-proposta ma timplikax infiq operattiv.

3.1.2. Infiq amministrattiv - ara d-dettalji fil-punti 7.2.4. u 7.2.5.

EUR miljuni (sa 3 ċifri wara l-punt deċimali)

Tip ta' nfiq	2009	2010	2011	2012	2013	2014	Total
L-ispiża finanzjarja tar-riżorsi umani u n-nefqa assoċjata	55,701	111,401	111,401	111,401	111,401	111,401	612,706
Nefqa amministrattiva oħra	17,998	35,995	35,995	35,995	35,995	35,995	197,973
TOTAL tal-PA inkluża n-nefqa tar-Riżorsi Umani	**73,699**	**147,396**	**147,396**	**147,396**	**147,396**	**147,396**	**810,679**

3.1.3. Kompatibbiltà mal-Programmazzjoni Finanzjarja

☒ Il-proposta hija kompatibbli mal-programmar finanzjarju eżistenti.

☐ Il-proposta se timplika l-programmazzjoni mill-ġdid tal-intestatura rilevanti fil-prospettiva finanzjarja.

☐ Il-proposta tista' teħtieġ l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Ftehim Interistituzzjonali[8] (jiġifieri strument ta' flessibbiltà jew reviżjoni tal-prospettiva finanzjarja).

3.1.4. L-impatt finanzjarju fuq id-dħul

☐ Il-proposta ma għandha l-ebda implikazzjoni finanzjarja fuq id-dħul.

☒ Il-proposta għandha impatt finanzjarju – l-effett fuq id-dħul huwa kif ġej:

Kontribuzzjonijiet mill-assistenti parlamentari u mill-persunal assenjat għall-ġestjoni tal-azzjoni forma ta' taxxa Komunitarja, imposta speċjali u kontribuzzjonijiet għall-iskema tal-pensjoni Komunitarja b'konformità mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament tal-Persunal u tal-Kundizzjonijiet ta' impjieg ta' ħaddiema oħra tal-Komunitajiet Ewropej, kif ukoll il-ħlas mill-Parlament Ewropew f'isem l-assistenti parlamentari tal-kontribuzzjoni ta' min iħaddem fl-iskema tal-pensjoni Komunitarja.

EUR miljun (sal-ewwel punt deċimali)

		Qabel l-azzjoni	Is-sitwazzjoni wara l-azzjoni					
Linja baġitarja	Dħul	2008	2009	2010	2011	2012	2013	2014
400 (PE)	Taxxa tal-Komunità	0	2,7	5,4	5,4	5,4	5,4	5,4
404 (PE)	Imposta speċjali	0	0,3	0,5	0,5	0,5	0,5	0,5
410 (PE)	Kontribuzzjoni għall-pensjoni	0	3,7	7,3	7,3	7,3	7,3	7,3
422 *new* (COM)	Kontribuzzjoni ta' min iħaddem għall-pensjoni tal-assistenti parlamentari	0	7,2	14,4	14,4	14,4	14,4	14,4
	a) Dħul f'termini assoluti	0	13,9	27,6	27,6	27,6	27,6	27,6
	b) Tibdil fid-dħul	*Δ*	13,9	27,6	27,6	27,6	27,6	27,6

3.2. Riżorsi umani (FTEs) – ara d-dettalji fil-punt 7.2.1.

Rekwiżit annwali	2009	2010	2011	2012	2013	2014
Total tar-riżorsi umani fil-preżent	1438	1438	1438	1438	1438	1438

4. KARATTERISTIĊI U GĦANIJIET

4.1. Ħtieġa li għandha tiġi sodisfatta f'terminu ta' żmien qasir jew twil

Sal-lum, l-assistenti parlamentari akkreditati għal wieħed mill-postijiet tax-xogħol uffiċjali tal-Parlament Ewropew kienu koperti minn kundizzjonijiet ta' impjieg differenti, fattur li jwassal għal sitwazzjonijiet diverġenti f'termini ta' rimunerazzjoni, kopertura soċjali u f'każ

[8] Ara l-punti 19 u 24 tal-Ftehim Interistituzzjonali.

ta’ mard, ta’ drittijiet għall-pesjoni, eċċ. Din l-azzjoni għandha l-għan li tintegra dawn l-assistenti parlamentari fil-Kundizzjonijiet ta' impjieg ta' ħaddiema oħra tal-Komunitajiet Ewropej permezz tal-ħolqien ta’ kategorija speċifika ta’ ħaddiema.

4.2. Il-valur miżjud tal-intervent Komunitarju

L-involviment tal-Komunità huwa meħtieġa billi huma biss l-istituzzjonijiet Ewropej li legalment qegħdin f’pożizzjoni li jintegraw dawn l-assistenzi parlamentari fil-Kundizzjonijiet ta' impjieg ta' ħaddiema oħra tal-Komunitajiet Ewropej.

4.3. L-għanijiet, ir-riżultati mistennija u l-indikaturi relatati tal-proposta fil-kuntest tal-qafas ABM.

L-azzjoni proposta għandha l-għan li toħloq kundizzjonijiet ta’ impjieg uniformi għall-assistenti parlamentari.

4.4. Il-metodu ta’ implimentazzjoni (indikattiv)

☒ ***Tmexxija ċentralizzata***

- ☒ direttament mill-Parlament Ewropew
- ☐ indirettament permezz ta’ delega lil:
  - ☐ aġenziji eżekuttivi
  - ☐ entitajiet maħluqa mill-Komunitajiet, kif stipulat fl-Artikolu 185 tar-Regolament Finanzjarju,
  - ☐ korpi mis-settur pubbliku nazzjonali/korpi b’missjoni ta’ servizz pubbliku.

☐ ***Tmexxija maqsuma jew deċentralizzata***

- ☐ mal-Istati Membri
- ☐ ma’ pajjiżi terzi

☐ ***Tmexxija konġunta ma’ organizzazzjonijiet internazzjonali (jekk jogħġbok speċifika liema)***

5. IS-SORVELJANZA U L-EVALWAZZJONI

5.1. Sistema ta’ sorveljanza

In-nefqa għandha tkun immoniterjata mis-servizzi kompetenti tal-Parlament Ewropew.

6. MIŻURI KONTRA L-FRODI

Il-miżuri ta’ amministrazzjoni finanzjarja soda u tal-monitoraġġ ex-post regolari għandhom ikunu applikati.

7. ID-DETTALJI TAR-RIŻORSI

7.1. Għanijiet tal-proposta f'termini tal-ispiża finanzjarja tagħhom

Il-proposta għandha l-għan li lill-assistenti parlamentari msemmija tintegrahom fil-Kundizzjonijiet tal-Impjieg bil-għan li jkunu ggarantiti kundizzjonijiet ta' xogħol omoġenji għall-persunal li jkun iwettaq funzjonijiet ekwivalenti.

7.2. Nefqa amministrattiva

7.2.1. Għadd u tip ta' riżorsi umani

Tipi ta' pożizzjonijiet		Persunal li għandu jiġi assenjat għat-tmexxija tal-azzjoni bl-użu ta' riżorsi eżistenti u/jew addizzjonali (**għadd ta' postijiet/FTEs**)					
		2009	2010	2011	2012	2013	2014
Uffiċjali jew persunal temporanju (Kapitlu 12)	AD	3	3	3	3	3	3
	AST	12	12	12	12	12	12
Assistenti parlamentari (partita 4200)		1423	1423	1423	1423	1423	1423
TOTAL		**1438**	**1438**	**1438**	**1438**	**1438**	**1438**

7.2.2. Deskrizzjoni ta' ħidmiet li jirriżultaw mill-azzjoni

Immaniġġjar amministrattiv tal-assistenti parlamentari

Assistenza għad-deputati

7.2.3. Sorsi tar-riżorsi umani (statutorji)

☐ Postijiet li bħalissa huma allokati għall-immaniġġjar tal-programm li għandhom jinbidlu jew jiġu mtawla

☐ Postijiet preallokati fl-ambitu tal-eżerċizzju tas-sena n

☒ Postijiet mitluba waqt il-proċedura baġitarja 2009 – 15-il post

☒ Postijiet li jridu jiġu assenjati mill-ġdid bl-użu tar-riżorsi li jeżistu fi ħdan is-servizz ikkonċernat (rijassenjazzjoni interna) –1423 post

☐ Postijiet meħtieġa għas-sena n imma li m'humiex previsti fl-eżerċizzju kkonċernat

7.2.4. L-ispiża finanzjarja tar-riżorsi umani u spejjeż finanzjarji relatati

miljuni ta' Euro (sat-tielet numru deċimali)

Tip ta' riżorsi umani	2009	2010	2011	2012	2013	2014
Uffiċjali u aġenti temporanju (Kapitolu 12)	0.340	0.680	0.680	0.680	0.680	0.680
Assistenti parlamentari (partita 4200)	55.361	110.721	110.721	110.721	110.721	110.721
L-ispiża finanzjarja totali tar-riżorsi umani u spejjeż finanzjarji relatati	**55.701**	**111.401**	**111.401**	**111.401**	**111.401**	**111.401**

UFFIĊJALI U AĠENTI TEMPORANJU (MOD TA' KALKOLU)

Kalkolu medju indikattiv adattat għal 3 AD 5 u 12 AST 1. It-totali jinkludu s-salarji, il-konċessjonijiet kif ukoll il-kontribuzzjonijiet ta' min iħaddem li s-soltu jitħallsu għal dan it-tip ta' persunal b'applikazzjoni tal-istatut tal-uffiċjali.

L-approprjazzjonijiet u l-partiti meħtieġa għandhom ikunu integrati fil-proċedura baġitarja.

ASSISTENTI PARLAMENTARI (MOD TA' KOLKOLU)

Kalkolu medju indikattiv

- għal 1423 assistent (estrapolazzjoni tas-sitwazzjoni attwali għas-736 deputat futur)

- salarji u benefiċċji tal-familja bbażati fuq il-kundizzjonijiet ta' remunerazzjoni speċifiċi kif inhuma previsti fil-proposta preżenti

- benefiċċji ta' espatrijazzjoni u residenza barranija skont il-kundizzjonijiet tal-Kundizzjonijiet tal-Impjieg bl-eċċezzjoni tal-ogħla limitu derogatorju previst fil-proposta preżenti

- kontribuzzjonijiet ta' min iħaddem bħala ħlas tal-assikurazzjoni kontra l-mard, l-inċidenti u l-qgħad skont il-kundizzjonijiet tal-Kundizzjonijiet tal-Impjieg

- spejjeż (flat rate) ta' missjoni

- kontribuzzjoni reali ta' min iħaddem għall-iskema ta' pensjonijiet għall-assistenti parlamentari

L-allokazzjoni ffissata għal kull grad hija stima approssimattiva tas-sitwazzjoni attwali:

- grad 1: 5.18% jiġifieri 73.71 assistent

- grad 2: 2.16% jiġifieri 30.74 assistent

- grad 3: 1.59% jiġifieri 22.63 assistent

- grad 4: 2.74% jiġifieri 38.99 assistent

- grad 5: 6.49% jiġifieri 92.35 assistent

- grad 6: 5.04% jiġifieri 71.72 assistent

- grad 7: 10.09% jiġifieri 143.58 assistent

- grad 8: 9.51% jiġifieri 135.33 assistent

- grad 9: 13.69% jiġifieri 194.81 assistent

- grad 10: 11.96% jiġifieri 170.19 assistent

- grad 11: 18.87% jiġifieri 268.52 assistent

- grad 12: 8.79% jiġifieri 125.08 assistent

- grad 13: 1.87% jiġifieri 26.61 assistent

- grad 14: 2.02% jiġifieri 28.74 assistent

L-approprjazzjonijiet korrispondenti diġà huma koperti mir-riżorsi eżistenti.

7.2.5. L-ispiża finanzjarja tar-riżorsi umani u spejjeż finanzjarji relatati

miljuni ta' Euro (sat-tielet numru deċimali)

	2009	2010	2011	2012	2013	2014	TOTAL
Nefqiet amministrattivi oħra - persunal tal-ġestjoni amministrattiva (Kapitoli 12, 16, 21, 23)	0.210	0.420	0.420	0.420	0.420	0.420	2.310
Nefqiet amministrattivi oħra – assistenti parlamentari (Kapitoli 12, 16, 21, 23; partita 4200)	17.788	35.575	35.575	35.575	35.575	35.575	195.663
Total tan-nefqiet amministrattivi minbarra r-riżorsi umani u l-ispejjeż relatati	**17.998**	**35.995**	**35.995**	**35.995**	**35.995**	**35.995**	**197.973**

NEFQIET AMMINISTRATTIVI OĦRA (MOD TA' KOLKOLU)

Il-kalkolu huwa bbażat fuq spiża medja li tqis in-nfqiet l-oħra ta' persunal/amministrattivi, spejjeż ta' funzjonament u ta' infrastrutturi.

L-ispiża medja titla' għal madwar EUR 28 000 fis-sena għall-persunal tal-ġestjoni amministrattiva, u għal madwar EUR 25 000 fis-sena għall-assistenti parlamentari.

Rigward l-assistenti parlamentari, l-approprjazzjonijiet korrispondenti huma fil-fatt diġà inklużi fil-baġit tal-Parlament Ewropew biex ikunu jistgħu jiġu ffaċċjati l-ħtiġijiet tal-assistenti akkreditati li qiegħdin fil-post skont ir-regoli fis-seħħ.

Rigward il-persunal tal-ġestjoni amministrattiva, l-approprjazzjonijiet meħtieġa għandhom ikunu integrati fil-proċedura baġitarja.